# Il-Kitba tar-Rapport



Sa A. Schembri u Sa C. Zerafa
Skola St Joseph, Tas-Sliema

# Fis-Sillabu taċ-ĊES

Ir-Rapport (80 kelma): il-kandidati jingħataw żewġ rapporti u jridu jagħżlu wieħed minnhom. Iridu jkunu kapaċi jiktbu rapport li fih jiżviluppaw argument sistematiku li jenfasizza l-punti sinifikanti u d-dettalji relevanti li jsaħħu dawk il-punti.

# Ir-rapport bħala parti mill-karta tal-eżami

- Sezzjoni ddedikata lir-rapport u fiha 12-il marka.
- Żewġ titli, biex jintgħażel titlu **WIEĦED**.
- Jinkiteb fi tliet paragrafi. Tmenin kelma **BISS**.



# Irrapporta dak li rajt, smajt, ħassejt, osservajt...

- L-istudenti juru li jafu jikkomunikaw u jwasslu ġrajjiet, fatti u sitwazzjonijiet b'Malti tajjeb u konċiż.
- Jiddeskrivu l-atmosfera li l-qarrej ma rax.





# Ibda pass pass

- Aqra sew it-titlu. Fit-titlu hemm l-informazzjoni meħtieġa li inti se tibni fuqha r-rapport tiegħek.
- It-titlu jindikalek  x'inhi l-attività, is-sitwazzjoni jew l-inċident li trid tikteb dwaru.

Eż. *Attività organizzata mill-Kunsill Lokali, mill-iskola jew minn xi għaqda.*

*Serqa minn xi mużew.*

*Sejba ta' xi fdalijiet.*

*Kunċert.*

*Taħdita xi mkien.*



# Ippjana l-informazzjoni

Għaliex?

Meta?

Min?



Kemm?

Fejn?

X'se jiġri wara?

X'ġara?

Kif?

# Titlu qasir u li jolqot

Trid tivvinta titlu għar-rapport tiegħek. It-titlu jrid ikun rilevanti.

Eż. *Ikteb rapport ta' 80 kelma dwar attività li organizzat l-iskola Santa Eżmeralda biex tfakkar 'Jum il-Ktieb'.*

It-Titlu

**L-istudenti eqreb tal-qari.**

**Il-ktieb ħabib sabiħ.**

**Kotba kullimkien!**

# Għajnuniet li jiswew ħafna.

- Qis li tibqa’ mas-suġġett.
- Dak li qed tirrapporta ġara diġà, mela se tikteb fil-passat.
- Dan mhux riklam ta’ xi ħaġa li għadha se sseħħ.
- M’hemmx indirizzi bħall-ittra.
- Agħti l-informazzjoni kollha meħtieġa.



# Kif jidher rapport

Il-post, id-data.

It-titlu

........................................................................................................................................................................
........................................................................................................................................................................

........................................................................................................................................................................
........................................................................................................................................................................
........................................................................................................................................................................

........................................................................................................................................................................
........................................................................................................................................................................

- Il-post minn fejn qed tikteb: lokalità, skola, pajjiż, eċċ
- Id-data ta’ meta qed jinkiteb ir-rapport.

# Inniżżel l-isem ta' min jirrapporta?

Le. Innota kif fl-ittra jingħata l-isem fittizju li trid tuża mentri fir-rapport ma jagħtikx. Dan ifisser li m'intix mistenni/ja tikteb isem.